Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fit-8 ta’ Mejju 2019[1]

**Kawżi magħquda C-105/18 sa C-113/18**

**Asociación Española de la Industria Eléctrica (UNESA) (C-105/18)**
**Energía de Galicia (Engasa) SA (C-106/18)**
**Duerocanto SL (C-107/18)**
**Corporación Acciona Hidráulica (Acciona) SLU (C-108/18)**
**Associació de Productors i Usuaris d’Energia Elèctrica (C-109/18)**
**José Manuel Burgos Pérez**
**María del Amor Guinea Bueno (C-110/18)**
**Endesa Generación SA (C-111/18)**
**Asociación de Empresas de Energías Renovables (APPA) (C-112/18)**
**Parc del Segre, S.A.**
**Electra Irache, S.L.**
**Genhidro Generación Hidroeléctrica, S.L.**
**Hicenor, S.L.**
**Hidroeléctrica Carrascosa, S.L.**
**Hidroeléctrica del Carrión, S.L.**
**Hidroeléctrica del Pisuerga, S.L.**
**Hidroeléctrica Santa Marta, S.L.**
**Hyanor, S.L.**
**Promotora del Rec dels Quatre Pobles, S.A. (C-113/18)**
**vs**
**Administración General del Estado,**
**partijiet magħquda:**
**Iberdrola Generación SAU,**
**Hidroeléctrica del Cantábrico, SA**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Il-Qorti Suprema,Spanja))

“Deċiżjoni preliminari – Prinċipju ta’ min iniġġes iħallas – Rkupru tal-ispejjeż għal servizzi b’rabta ma’ użu ta’ ilma – Regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku – Ħlas għall-użu ta’ ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku – Taxxa imposta biss fuq produtturi ta’ enerġija idroelettrika li joperaw f’konfini idrografiċi inter-komunitarji – Għajnuna Statali pprojbita”

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

## I. Introduzzjoni

1. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 107 u 191(2) TFUE, tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma [2], u tal-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda [tħassar i]d-Direttiva 2003/54/KE [3].

2. It-talbiet saru fi proċeduri bejn, minn naħa, minn diversi kumpanniji li jiġġeneraw l-elettriku li għandhom konċessjonijiet għall-isfruttament idroloġiku ta' baċiri inter-komunitarji, jiġifieri baċiri li jinsabu f'iktar minn Comunidad autónoma waħda (komunità awtonoma) ta' Spanja, u, min-naħa l-oħra, l-Administración General del Estado (l-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat, Spanja), bl-appoġġ tal-Iberdrola Generación SAU u tal-Hidroeléctrica del Cantábrico SA, dwar il-validità ta' ħlas għall-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku f'baċiri ta' xmajjar inter-komunitarji.

3. Dawn it-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tiċċara l-implikazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/72 u l-applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' għajnuna mill-Istat b'rabta ma' ħlas minħabba l-użu jew l-isfruttament ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku. Barra minn hekk, waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li qajjem dan ir-rinviju hija jekk id-dispożizzjonijiet ta' nondiskriminazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72 jistax jingħad li japplikaw għal miżura ta' tassazzjoni ta' din in-natura li kienet ġiet adottata mir-Renju ta' Spanja fl-2012. Madankollu, qabel ma jitqiesu kull waħda minn dawn il-kwistjonijiet jeħtieġ li l-ewwel jissemmew id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u tal-liġi nazzjonali.

### *A. Il-liġi tal-Unjoni*

#### *1. Id-Direttiva 2000/60*

4. L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60, bit-titolu "Irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma" jipprovdi:

"L-Istati Membri jridu jikkunsidraw il-prinċipju ta' rkuprar ta' l-ispejjeż tas-servizzi ta' l-ilma, inklużi l-ispejjeż ta' l-ambjent u tar-riżorsi, wara li jiġu kkunsidrati l-analiżi ekonomiċi imwettqa skond l-Anness III, u bi qbil partikolarment mal-prinċipju ta' [min]/iniġġes iħallas.

L-Istati Membri jridu jiżguraw sa' s-sena 2010

– li l-politika ta' l-apprezzament ta' l-ilma tipprovdi inċentivi adegwati għall-utenti biex jużaw ir-riżorsi ta' l-ilma effiċjentament, u b'hekk jikkontribwixxu għall-għanijiet ambjentali ta' din id-Direttiva,

– kontribuzzjoni adegwata ta' użu effiċjenti ta' l-ilma, imqassam għall-anqas ġo l-industrija, djar u agrikoltura, għall-irkuprar tal-ispejjeż tas-servizzi ta' l-ilma, bażati fuq l-analiżi ekonomiċi imwettqa skond l-Anness III u jiġi kunsidrat il-prinċipju ta' [min] iniġġes iħallas.

L-Istati Membri jistgħu meta qed jagħmlu dan, jikkunsidraw l-effetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-irkupru kif ukoll il-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi tar-reġjun jew reġjuni affetwati.".

2 ĠU *Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275.*
3 ĠU 2009 L 211, p. 55.

*2. Id-Direttiva 2009/72*

5. L-Artikolu 3(1)tad-Direttiva 2009/72/KEjipprovdi:

" L-Istati Membri għandhom jiżguraw, abbażi tal-organizzazzjoni istituzzjonali tagħhom u b'kont dovut għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-impriżi tal-elettriku jitħaddmu konformement mal-prinċipji ta' din id-Direttiva bil-ħsieb li jintlaħaq suq kompetittiv, sigur, u ambjentalment sostenibbli fil-qasam tal-elettriku, u dawn ma għandhomx jiddiskriminaw bejn dawk l-impriżi fejn jikkonċerna d-drittijiet jew l-obbligi tagħhom."

***B. Il-liġi nazzjonali***

*1. Il-Kostituzzjoni Spanjola*

6. L-Artikolu 149 tal-Kostituzzjoni Spanjola, marbuta ma' materji ta' ġurisdizzjoni esklużiva tal-Istat, jipprovdi:

"L-Istat għandu komptenza esklużiva fuq il-materji li ġejjin:

[…]

14. Affarijiet ġenerali finanzjarji u d-Dejn tal-Istat;

[…]

22. Leġiżlazzjoni, regolamentazzjoni u konċessjoni ta' riżorsi tal-ilma u żvilupp fejn l-ilma jgħaddi minn iktar minn komunità awtonoma waħda, u awtorizzazzjoni għal impjanti tal-enerġija idroelettrika kull fejn joperaw li jaffettwaw komunitajiet oħra jew fejn il-linji ta' trasport ta' enerġija jkunu jestendu għal komunitajiet oħra;

[…]."

*2. Id-Digriet Irjali Nru 125/2007*

7. Ir-Real Decreto 125/2007, de 2 de febrero, por el que se fija el ámbito territorial de las demarcaciones hidrográficas[4] (id-Digriet Irjali Nru 125/2007 tat-2 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi l-qasam territorjali ta' distretti ta' baċiri ta' xmajjar) jiddefinixxi baċir ta' xmara bħala t-territorju magħmul minn baċir ta' xmara wieħed jew iktar fil-qrib, kif ukoll l-ilmijiet li jgħaddu minn hemm, ilmijiet ta' taħt l-art u ilmijiet kostali relatati magħhom. Skont il-post ġeografiku tal-baċir, hemm żewġ tipi ta' baċiri ta' xmajjar fi Spanja: baċiri inter-komunitarji għal baċiri ta' xmajjar li jkunu jinsabu f'iktar minn komunità awtonoma waħda, u baċiri intra-komunitarji fejn it-territorju ma jkunx jestendi lil hinn minn komunità awtonoma.

4 BOE Nru 30 tat-3 ta' Frar 2007, p. 5118

*3. Il-Liġi Nru 15/2012*

8. Il-preambolu tal-Ley 15/2012, de 27 de diciembre, de medidas fiscales para la sostenibilidad energética[5] (il-Liġi Nru 15/2012 tas-27 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri fiskali għall-iżvilupp tal-enerġija b'mod sostenibbli, "il-Liġi Fiskali dwar l-Enerġija"),jipprovdi:

"I.

L-għan ta' din il-liġi huwa li s-sistema tat-taxxa tagħna tkun iktar adattata għal użu iktar effiċjenti u favur l-ambjent, u għal żvilupp sostenibbli, valuri li jispiraw din ir-riforma fiskali, u bħala tali skont il-prinċipji bażiċi li jirregolaw il-politika fiskali, tal-enerġija u, ċertament, ambjentali tal-Unjoni Ewropea.

Fis-soċjetà tal-lum, l-impatt dejjem jikber tal-produzzjoni u tal-konsum tal-enerġija fuq is-sostenibbiltà ambjentali jitlob qafas normattiv u regolatorju li jiggarantixxi lill-aġenti kollha l-funzjonament tajjeb tal-mudell tal-enerġija li jikkontribwixxi wkoll għall-konservazzjoni tal-wirt ambjentali għani tagħna.

Il-bażi fundamentali ta' din il-liġi huwa l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, dispożizzjoni li fiha l-protezzjoni tal-ambjent tagħna hija wieħed mill-prinċipji gwida tal-politika soċjali u ekonomika. B'hekk, wieħed mill-pedamenti ta' din ir-riforma fiskali huwa li jkunu internalizzati spejjeż ambjentali li jirriżultaw mill-produzzjoni tal-elettriku [...] B'dan il-mod, [din] il-liġi għandha sservi ta' stimulu biex intejbu livelli ta' effiċjenza fl-enerġija u fl-istess waqt niżguraw li nimmaniġġaw sewwa r-riżorsi naturali u li nkomplu ntejbu l-mudell il-ġdid ta' żvilupp sostenibbli, kemm minn aspett ekonomiku u soċjali, kif ukoll minn aspett ambjentali.

[...]

Għal dan l-għan, dan l-Att jirregola tliet taxxi ġodda: it-taxxa fuq il-valur tal-produzzjoni tal-elettriku, it-taxxa fuq il-produzzjoni ta' fjuwil nukleari użat u skart radjuattiv li jirriżulta mill-ġenerazzjoni ta' enerġija nukleari, u t-taxxa fuq il-ħażna ta' fjuwil nukleari użat u skart radjuattiv f'faċilitajiet ċentralizzati; qed jiddaħħal [il-] ħlas għall-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku; qed ikunu emendati r-rati ta' tassazzjoni għal gass naturali u faħam, u qed jitneħħew l-eżenzjonijiet għal prodotti tal-enerġija użati fil-produzzjoni tal-elettriku u għall-koġenerazzjoni ta' elettriku u sħana utli.

[...]

V.

Fl-aħħar nett, it-Titolu IV ta' din il-liġi jimmodifika t-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-Ilma approvat bid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/2001, tal-20 ta' Lulju 2001.

B'mod partikolari, dan it-titolu jirregola s-sistema ekonomika-finanzjarja għall-użu tar-riżorsi ta' ilma pubbliku. B'hekk jipprovdi li l-amministrazzjonijiet pubbliċi kompetenti, bis-saħħa tal-prinċipju ta' rkupru ta' spejjeż, u meqjusa previżjonijiet ekonomiċi fit-tul, għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi adatti biex l-ispejjeż ta' servizzi relatati mal-immaniġġar tal-ilma, inklużi spejjeż ambjentali u għal riżorsi, jgħaddu għal għand dawk li jagħmlu l-aħħar użu minnhom.

[...]

5 BOE Nru 312 tat-28 ta' Diċembru 2012, p. 88081.

B'mod partikolari, l-Artikolu 112 tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-Ilma jistabbilixxi li l-ħlas għal użu japplika biss għall-okkupazzjoni, l-użu u l-isfruttament tar-riżorsi ta' ilma pubbliku ddefiniti fil-punti b) u (c) tal-Artikolu 2 tal-istess liġi, jiġifieri l-użu ta' nixxigħat naturali, kontinwi jew mhux kontinwu u l-qegħan ta' għadajjar u laguni u dawk ta' riżervi tal-wiċċ f'kanali tal-ilma pubbliċi. Għalhekk, l-użu ta' ilmijiet interni msemmija fit-taqsima (a) tal-istess Artikolu 2 tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-Ilma ma jagħmilx parti mid-definizzjoni ta' dan il-ħlas.

Din ir-realtà, li hija anomalija fir-rigward tar-regoli ġenerali relatati ma' assi fid-dominju pubbliku, baqgħet hemm għal raġunijiet storiċi, għalkemm illum hija nieqsa minn kull tifsira ekonomika, għall-inqas f'termini ta' użu purament industrijali u f'sistema ta' suq bħal dik tal-produzzjoni tal-elettriku.

Fil-preżent il-kwalità ġenerali tal-ilmijiet interni Spanjoli tagħmel il-protezzjoni tagħhom meħtieġa biex jitħares wieħed mir-riżorsi naturali meħtieġa għas-soċjetà. F'dan ir-rigward, għandha tissaħħaħ il-politika għall-protezzjoni ta' ilma pubbliku. Għal dan l-għan jeħtieġ li jinkisbu riżorsi li għandhom jiġu pprovduti minn dawk li jiksbu benefiċċju mill-użu privat tagħhom jew li huma jużaw speċifikament għall-produzzjoni tal-elettriku.

L-għan ta' din l-emenda, għalhekk, huwa li jiġi applikat ħlas ġdid għal beni pubbliċi deskritti fl-Artikolu 2(a) tal-istess liġi, jiġifieri għall-użu jew għall-iżvilupp ta' ilmijiet interni għal sfruttament idroelettriku."

9. L-Artikolu 29 tal-Liġi Nru 15/2012 jintroduċi b'mod partikolari l-Artikolu 112bis ġdid fir-Real Decreto Legislativo 1/2001, de 20 de julio 2001, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley de Aguas [6] (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali Nru 1/2001, tal-20 ta' Lulju 2001, li japprova t-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-ilma).

10. Il-Liġi Nru 15/2012 għandha wkoll diversi dispożizzjonijiet intitolati "Dispożizzjonijiet addizzjonali" li jipprovdu:

"L-ewwel dispożizzjoni addizzjonali. Avvenimenti li jagħtu lok għal ħlas ta' taxxa regolata minn din il-liġi imposta mill-komunitajiet awtonomi.

1. Sakemm it-taxxi stabbiliti minn din il-liġi jinġabru fuq avvenimenti intaxxati mill-komunitajiet awtonomi u dan jirriżulta fi tnaqqis fid-dħul tagħhom, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6.2 tal-Liġi Organika 8/1980, tat-22 ta' Settembru 1980, dwar il-finanzjament tal-komunitajiet awtonomi.

2. Id-dispożizzjonijiet tat-taqsima ta' qabel għandhom ikun applikabbli biss fir-rigward ta' dawk it-taxxi speċifiċi għall-komunitajiet awtonomi stabbiliti b'liġi approvata qabel it-28 ta' Settembru 2012.

It-tieni dispożizzjoni addizzjonali. Spejjeż ta' sistema elettrika.

Kull sena l-liġijiet finanzjarji ġenerali tal-Istat jallokaw għall-finanzjament tal-ispejjeż tas-sistema tal-elettriku kif previst fl-Artikolu 16 ta' Ley 54/1997, de 27 de noviembre, del Sector Eléctrico [il-Liġi Nru 54/1997 tas-27 ta' Novembru, dwar is-settur tal-elettriku] ammont ekwivalenti għas-somma ta:

(a) stima tal-ammonti annwali miġbura mill-Istat fir-rigward ta' taxxi u ħlasijiet inklużi f'din il-liġi;

(b) id-dħul stmat iġġenerat bl-irkant ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gass serra, b'massimu ta' EUR 500 miljun."

6 BOE Nru 176 tal-24 ta' Lulju 2001, p. 14276.

*4. Id-Digriet leġiżlattiv Irjali Nru 1/2001*

11. L-Artikolu 2 tar-Real Decreto Legislativo 1/2001, de 20 de julio, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley de Aguas (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali Nru 1/2001 tal-20 ta' Lulju, li japprova t-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-Ilma), intitolat "Definizzjoni ta' riżorsi ta' ilma pubbliku" jgħid:

"Ir-riżorsi ta' ilma pubbliku tal-Istat, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti espressament f'din il-liġi, jikkostitwixxu::

(a) Ilmijiet interni, kemm ilma tal-wiċċ kif ukoll ilma ta' taħt l-art rinnovabbli, irrispettivament miż-żmien ta' tiġdid.

(b) Kanali naturali, kontinwi jew mhux kontinwi tal-ilma..

(c) Qegħan ta' għadajjar u laguni u dawk ta' riżervi tal-wiċċ f'kanali tal-ilma pubbliċi.

[....]"

12. Skont l-Artikolu 112tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali Nru 1/2001,kif emendat mil-Liġi Fiskali dwar l-Enerġija,bit-titolu "Ħlas għal użu ta' beni li jinkludu riżorsi ta' ilma pubbliku":

"1. L-okkupazzjoni, l-użu u l-iżvilupp tal-beni f'riżorsi ta' ilma pubbliku inklużi fil-paragrafi b) u c) tal-Artikolu 2 ta' din il-liġi, li jkunu jeħtieġu konċessjoni jew awtorizzazzjoni amministrattiva, għandhom irendu favur l-Awtorità tal-Baċir kompetenti taxxa msejħa ħlas għal użu ta' riżorsi ta' ilma pubbliku, maħsuba għall-protezzjoni u t-titjib tar-riżorsi msemmija iktar 'il fuq. Dawk li jkollhom konċessjonijiet għal ilma għandhom ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa għall-okkupazzjoni jew għall-użu ta' art pubblika meħtieġa biex il-konċessjoni topera.

[…]

4. Il-bażi taxxabbli tal-ħlas għandha tiġi ddeterminata mill-Awtorità tal-Baċir tax-Xmara skont il-preżunzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' okkupazzjoni ta' art li tkun tagħmel parti mir-riżorsi ta' ilma pubbliku, skont il-valur tal-art okkupata, billi jittieħed bħala referenza l-valur tas-suq ta' art maġenbha;

(b) fil-każ ta' użu ta' riżorsi ta' ilma pubbliku, għall-valur ta' tali użu jew tal-benefiċċju miksub minnu;

(c) fil-każ ta' beni li jkunu jinkludu riżorsi ta' ilma pubbliku, il-valur tal-affarijiet ikkunsmati jew tal-utilità miksuba minn tali użu.

[…]"

13. L-Artikolu 112bis tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/2001, bit-titolu "Ħlas għall-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku", kif introdott permezz tal-Liġi Nru 15/2012, jistipula: Skont l-Artikolu 112 tad-Digriet Irjali Leġiżlattiv Nru 1/2001, intitolat "Ħlas għall-użu ta' beni pubbliċi fil-qasam tal-ilma":

"1. L-użu u l-isfruttament ta' beni pubbliċi msemmija fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 2 ta' din il-liġi, għall-produzzjoni ta' enerġija elettrika f'busbars ta' stazzjon tal-enerġija, għandhom ikunu suġġetti għal taxxa, magħrufa bħala ħlas għall-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni ta' enerġija elettrika, maħsuba għall-protezzjoni u t-titjib tar-riżorsi ta' ilma pubbliku.

2. Il-ħlas ikun dovut mal-għoti inizjali u maż-żamma kull sena tal-konċessjoni idroelettrika u jkun pagabbli fl-ammont korrispondenti u fil-perjodi indikati fil-kundizzjonijiet tal-imsemmija konċessjoni jew awtorizzazzjoni.

3. Dawk li jkunu obbligati jħallsu t-taxxa għandhom ikunu l-konċessjonarji jew, skont il-każ, dawk surrogati għalihom.

4. Il-bażi taxxabbli tal-ħlas għandha tiġi stabbilita mill-Awtorità tal-Baċir u għandha tkun il-valur ekonomiku tal-enerġija idroelettrika prodotta, imkejjel skont l-ispejjeż tal-busbar tal-impjant, f'kull perjodu ta' taxxa annwali mill-konċessjonarju permezz tal-użu u l-isfruttament ta' riżorsi ta' ilma pubbliku.

5. Ir-rata ta' taxxa annwali għandha tkun ta' 22 *per centum* tal-valur tal-bażi tat-taxxa u l-obbligu ta' ħlas tat-total ta' taxxa għandu jkun l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata ta' taxxa għall-bażi tat-taxxa.

[…]

8. L-immaniġġar u l-ġbir tal-ħlas għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Awtorità tal-Baċir kompetenti jew tal-Awtorità tat-Taxxi tal-Istat, skont ftehim ma' din tal-aħħar.

[…]."

*5. Id-Digriet Irjali Nru 198/2015*

14. Il-preambolu tar-Real Decreto 198/2015, de 23 de marzo, por el que se desarrolla el artículo 112 del texto refundido de la Ley de Aguas y se regula el canon por utilización de las aguas continentales para la producción de energía eléctrica en las Demarcaciones intercomunitarias[7] (id-Digriet Irjali Nru 198/2015 tat-23 ta' Marzu li jimplimenta l-Artikolu 112bis tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-ilma u li jirregola l-ħlas għall-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku f'distretti ta' baċir ta' inter-Komunitajiet) jgħid:

" […] Dan id-Digriet Irjali qed jinħareġ skont it-tieni u t-tielet dispożizzjoni finali ta-Liġi 15/2012, tas-27 ta' Diċembru. Minn naħa, it-tieni dispożizzjoni finali tistabbilixxi l-Artikolu 149.1.22.[a] tal-Kostituzzjoni Spanjola bħala l-bażi legali tas-setgħat eżerċitati, li jattribwixxi lill-Istat setgħat fuq leġiżlazzjoni, regolamentazzjoni u konċessjoni ta' riżorsi u użu ta' ilma meta dawn jgħaddu minn iktar minn komunità awtonoma waħda. Min-naħa l-oħra, permezz tat-tielet dispożizzjoni finali l-Gvern, fl-ambitu tas-setgħat tiegħu, ikun jista' joħroġ dispożizzjonijiet regolatorji meħtieġa għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' din il-liġi […]."

15. L-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali Nru 198/2015, intitolat "Ħlas għall-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku u kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi:

"L-użu u l-isfruttament ta' beni ta' riżorsi ta' ilma pubbliku msemmija fl-Artikolu 2(a) tat-test rivedut tal-Liġi dwar l-Ilma għall-produzzjoni tal-elettriku, imkejla skont l-ispejjeż tal-busbar tal-impjant, ikunu suġġetti għal taxxa, magħrufa bħala ħlas għall-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku, maħsuba għall-protezzjoni u t-titjib ta' riżorsi ta' ilma pubbliku.

Dan il-ħlas għandu japplika biss f'baċiri inter-komunitarji."

7 BOE Nru 72 tal-25 ta' Marzu 2015, p. 25674.

16. L-Artikolu 12 tad-Digriet Irjali Nru 198/2015, intitolat "Dħul minn ħlasijiet miġbura", jgħid:

"1. L-ammont tad-dħul miġbur jitħallas lill-Awtorità tal-Baċir bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 112bis tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-Ilma, approvat bid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/2001, tal-20 ta' Lulju 2001. Għal dawn il-finijiet, għandhom jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 59(d), 63.3 u 67 tad-Digriet Irjali 927/1988, tad-29 ta' Lulju 1988, li japprova r-regolamenti tal-Awtorità dwar Ilma Pubbliku.

[…]

3. 2 % tad-dħul nett miġbur għandu jitqies bħala dħul tal-organizzazzjoni tal-baċir.

4. Mill-ammont tad-dħul nett miġbur, 98% għandu jitħallas lit-Teżor. Il-baġit ġenerali tal-Istat għandu jalloka mill-inqas ammont daqs l-ammont ipprovdut għal azzjonijiet għall-protezzjoni u t-titjib ta' riżorsi ta' ilma pubbliku, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14. Għal dan l-għan il-proġetti ta' investiment li jiggarantixxu l-protezzjoni u t-titjib ta' riżorsi ta' ilma pubbliku jkunu ddeterminati kull sena fil-Liġijiet tal-baġit ġenerali tal-Istat.

[…]".

17. Skont l-Artikolu 13 ta' dik il-liġi, intitolat "Garanzija ta' protezzjoni ta' riżorsi pubbliċi":

"Biex tkun żgurata konformità mal-objettivi ambjentali stabbiliti fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u msemmija fl-Artikolu 98 u f'artikoli sussegwenti tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-Ilma, u skont il-prinċipju ta' rkupru ta' spejjeż stabbilit fl-Artikolu 111bis tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-Ilma, il-baġit ġenerali tal-Istat għandu jalloka mill-inqas ammont daqs l-ammont previst fit-taqsima 4 tal-Artikolu 12 qabel, f'konformità ma' dak iddefinit fl-Artikolu 14, għal azzjonijiet għall-protezzjoni u t-titjib ta' riżorsi ta' ilma pubbliku u l-għejun ta' ilma milquta minn żviluppi idroelettriċi."

## II. Il-fatti

18. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqu azzjoni skont id-dritt amministrattiv quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) fejn talbu l-annullament tad-Digriet Irjali Nru 198/2015 li jimplimenta l-Artikolu 112bis tat-test riformulat tal-Att dwar l-Ilma. Fir-rikors tagħhom ir-rikorrenti jikkontestaw il-validità tal-Artikolu 29 tal-Liġi Nru 15/2012 li jintroduċi l-Artikolu 112bis fid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/2001.

## III. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-qorti

19. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri leġiżlattivi, l-ewwel nett, mal-prinċipju ta' "min iniġġes għandu iħallas" stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE, kif espress mid-Direttiva 2000/60; it-tieni nett, mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/72 u, it-tielet nett, mal-projbizzjoni ta' għajnuna mill-Istat stabbilita fl-Artikolu 107 TFUE [8]

20. Fir-rigward tal-konformità ta' taxxa bħal din mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", il-qorti tar-rinviju tirrileva li, minkejja l-fatt li l-premessa tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija jiġġustifika din it-taxxa għal raġunijiet ambjentali, jiġifieri l-protezzjoni u t-titjib ta' riżorsi ta' ilma pubbliku, l-istruttura nnifisha ta' din it-taxxa tidher li tindika li fil-fatt issegwi għan purament ekonomiku li

8 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li kieku l-Artikolu 29 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija jitqies li mhux kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, dan kien iwassal għall-annullament tad-Digriet Irjali Nru 198/2015, li jimplimenta t-taxxa kontestata.

huwa li jkun kopert l-iżbilanċ finanzjarju tal-grilja tal-elettriku. Barra minn hekk, jidher li, skont il-qorti tar-rinviju, dan l-għan huwa segwit b'mod inkoerenti u inkonsistenti. L-ewwel nett, din it-taxxa hija bbażata fuq il-valur tal-enerġija prodotta, li huwa kkalkulat abbażi tad-dħul iġġenerat mill-enerġija mdaħħla fil-grilja tal-elettriku u mhux abbażi tal-kwantità ta' ilma użat. It-tieni nett, ir-rata ta' din it-taxxa hija ta' 22 %, filwaqt li r-rata għall-okkupazzjoni, l-użu u l-isfruttament ta' kanali naturali tal-ilma hija biss ta' 5 %. It-tielet nett, 98 % tal-ammonti miġbura jmorru għall-baġit ġenerali tal-Istat Spanjol u, għalhekk, jikkostitwixxu dħul addizzjonali għas-sistema tal-elettriku. Jekk it-test tad-Digriet Irjali jispeċifika li l-baġit ġenerali tal-Istat jalloka ammont mill-inqas ugwali għall-98 % tad-dħul miksub minn dak il-ħlas għal miżuri li jipproteġu u jtejbu r-riżorsi ta' ilma pubbliku, il-qorti tar-rinviju tgħid li tali allokazzjoni ma kinitx tħarset fil-baġit ġenerali tal-Istat għall-2016, li alloka d-dħul kollu ġġenerat minn din it-taxxa għall-iżbilanċ fis-sistema tal-elettriku. Għalhekk, kuntrarjament għar-rekwiżiti tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60, it-taxxa ma tqisx il-prinċipju ta' rkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma.

21. Fir-rigward tal-kompatibbiltà tat-taxxa mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/72, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li t-taxxa għall-użu ta' ilmijiet interni tapplika biss għall-produtturi ta' enerġija idroelettrika, esklużi l-produtturi ta' enerġija bl-użu ta' teknoloġija differenti. Barra minn hekk, it-taxxa hija imposta biss fuq produtturi li jkollhom konċessjonijiet amministrattivi f'baċiri ta' xmajjar inter-komunitarji u mhux intra-komunitarji.

22. Fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat il-qorti tar-rinviju tisħaq li, minħabba n-natura assimetrika ta' dik it-taxxa, id-differenzi fit-trattament li hija timponi jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat favur dawk li ma jkunux suġġetti għal din it-taxxa.

23. F'dan il-kuntest it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) iddeċieda fil-Kawżi C-105/18 sa C-108/18 u C-110/18 sa C-113/18, li jissospendi l-proċeduri u li jirrinvija d-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) Il-prinċipju ambjentali ta' min iniġġeż iħallas, stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE, u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva [2000/60], li jistabbilixxi l-prinċipju tal-irkupru tal-ispiża tas-servizzi relatati mal-ilma kif ukoll il-kumpens ekonomiku xieraq għall-użu tal-ilma, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-introduzzjoni ta' tariffa għall-użu tal-ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-enerġija, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tinkoraġġixxix l-użu effiċjenti tal-ilma, u lanqas tistabbilixxi mekkaniżmi għall-konservazzjoni u għall-protezzjoni taż-żoni għall-pubbliku, li r-rata tagħha ma hija bl-ebda mod marbuta mal-kapaċità li tikkawża ħsara liż-żoni ta' ilma għall-pubbliku, peress li tiffoka biss u esklużivament fuq il-kapaċità tal-produtturi li jiġġeneraw dħul?

(2) Taxxa bħat-tariffa [fuq l-idroelettriku] inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonċerna esklużivament il-produtturi ta' enerġija idroelettrika li joperaw f'ilmijiet inter-komunitarji iżda mhux il-produtturi li għandhom konċessjonijiet f'ilmijiet intra-komunitarji u l-produtturi li jużaw teknoloġija idroelettrika iżda mhux dawk li jipproduċu enerġija b'teknoloġiji oħra, hija konformi mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn l-operaturi stabbilita fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva [2009/72]?

(3) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-impożizzjoni ta' tariffa [fuq l-idroelettriku], bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għad-detriment tal-produtturi ta' enerġija idroelettrika li joperaw f'ilmijiet inter-komunitarji, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ipprojbita, peress li tintroduċi sistema ta' tassazzjoni asimmetrika fl-istess qasam tat-teknoloġija skont il-post li fih jinsab l-impjant u ma hijiex imposta fuq il-produtturi ta' enerġija minn sorsi oħra?

24. Fil-Kawża C-109/18, l-ewwel żewġ domandi magħmula għal deċiżjoni preliminari huma, fis-sustanza, identiċi għall-ewwel żewġ domandi fil-kawżi msemmijin fil-paragrafu preċedenti. Madankollu, it-tielet domanda hija fformulata kif ġej::

"3) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li n-nuqqas ta' impożizzjoni ta' tariffa [...] fuq produzzjoni [idroelettrika] li topera f'ilmijiet inter-komunitarji u anki fuq il-bqija tal-użu [konsumattiv] ta' ilmijiet, bl-użu biss tal-produzzjoni elettrika jkun intaxxat, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ipprojbita?"

25. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu ppreżentati mill-Asociación Española de la Industria Eléctrica (UNESA), mill-Corporación Acciona Hidráulica (Acciona) SLU, mill-Associació de Productors i Usuaris d'Energia Elèctrica, mill-Endesa Generación SA, mill-Asociación de Empresas de Energías Renovables (APPA), mill-Iberdrola Generación SAU, mill-Gvern Spanjol u mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni Ewropea Barra minn hekk, ħlief għall-Gvern Ġermaniż, huma kollha ttrattaw oralment fis-seduta tat-28 ta' Frar 2018.

## IV. Analiżi

### *A. Fuq l-ewwel domanda: il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*

26. Permezz tal-ewwel domanda tagħha l-qorti tar-rinviju qed tistaqsi jekk il-prinċipju ambjentali ta' "min iniġġes iħallas", previst fl-Artikolu 191(2) TFUE, u fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60, li tistabbilixxi l-prinċipju ta' rkupru ta' spejjeż ta' servizzi tal-ilma u biex ikun hemm bilanċ ekonomiku xieraq għall-użu tal-ilma, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-introduzzjoni ta' taxxa fuq l-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-enerġija, bħat-taxxa inkwistjoni fil-proċeduri.

27. Qabel ma jiġi evalwat jekk waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tipprekludix taxxa bħal din, jeħtieġ jiġi ddeterminat jekk tistax tiġi invokata waħda minnhom quddiem qorti nazzjonali.

28. Rigward l-Artikolu 191(2) TFUE, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, minħabba li din id-dispożizzjoni, li tistabbilixxi l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", hija diretta lejn azzjoni fil-livell tal-Unjoni, individwi ma jistgħux jinvokawha biex jeskludu l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali [9].

29. Huwa minnu li tali individwi setgħu jinvokaw dispożizzjoni li tagħti effett lil dan il-prinċipju f'qasam partikolari, sakemm din id-dispożizzjoni mbagħad tkun tista' titqies bħala direttament effettiva [10]. Madankollu, għalkemm l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60 jagħti forma konkreta tal-prinċipju ta' "min iniġġeż iħallas" fil-qasam tal-immaniġġar tal-ilma, din id-dispożizzjoni ma tistax tkun invokata direttament quddiem qorti nazzjonali minħabba li, għal raġunijiet li dalwaqt insemmi, ma nqisx li din id-dispożizzjoni hija direttament effettiva. Tabilħaqq, jekk l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60 fil-fatt jirrikjedi, fiċ-ċirkustanzi kollha, li l-Istati Membri jqisu l-prinċipju ta' rkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma, inklużi spejjeż ambjentali u ta' riżorsi, f'konformità, b'mod partikolari, mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas [11], dan l-obbligu ma jkollux l-effett li jagħtihom protezzjoni jew dritt speċifiċi.

9 Sentenzi tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et* (C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punti 38 u 39) u tal-4 ta' Marzu 2015, Fipa Group *et* (C-534/13, EU:C:2015:140, punt 40)

10 Sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, Fipa Group *et* (C-534/13, EU:C:2015:140, punt 42).

11 Ara dwar dan is-sentenza tas-7 Diċembru 2016, Vodoopskrba i odvodnja (C-686/15, EU:C:2016:927, punti 20 u 21).

30. Prova ta' dan huwa l-istess kliem tal-Artikolu 9(1) innifsu li m'għandux il-kwalitajiet ta' ċarezza, preċiżjoni u inkundizzjonalità meħtieġa biex kull duttrina ta' effett dirett tkun rilevanti. L-ewwel parti tal-Artikolu 9(1) għalhekk tgħid biss li l-Istati Membri "jridu jikkunsidraw" il-prinċipju ta' rkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma, mingħajr ma tispeċifika b'mod preċiż kif dan għandu jsir.

31. Huwa minnu li t-tieni parti timponi obbligi speċifiċi fuq l-Istati Membri biex jilħqu ċerti miri sal-2010. Għal darb'oħra, madankollu, il-kliem użat anki f'dan il-kuntest ("[…] L-Istati Membri jridu jiżgurawraw sa' s-sena 2010 li l-politika ta' l-apprezzament ta' l-ilma tipprovdi inċentivi adegwati għall-utenti biex jużaw ir-riżorsi ta' l-ilma effiċjentament […]") ma għandux il-preċiżjoni meħtieġa għall-finijiet tad-duttrina tal-effett dirett [12]. Kif, wieħed jista' jistaqsi, tista' qorti nazzjonali tevalwa b'referenza għal prinċipji legali konvenzjonali f'kawża mressqa minn rikorrent individwali fir-rigward ta' taxxa partikolari jekk Stat Membru jkunx għamel inċentivi "adegwati" għal dawk li jużaw ir-riżorsi tal-ilma biex huma jużawhom "effiċjentament"?

32. Il-konformità mal-obbligu previst fl-Artikolu 9(1) jista' biss jiġi evalwat billi jitqiesu r-regoli kollha li jirregolaw l-iffissar tal-prezzijiet tal-ilma. Tabilħaqq, l-Artikolu 9(1) ma jgħidx li kull ħlas jew taxxa fuq l-ilma għandhom jitħallsu proporzjonatament skont l-użu tal-ilma, iżda pjuttost li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li b'mod ġenerali l-politika dwar l-iffissar tal-prezzijiet tal-ilma għandha tipprovdi inċentivi adegwati. Biex ikun evalwat jekk Stat Membru kienx konformi ma' dan l-artikolu għandhom jitqiesu t-taxxi jew il-ħlasijiet kollha li jkunu ħallsu jew għamlu dawk li jużaw l-ilma, u mhux biss dik inkwistjoni f'sitwazzjoni partikolari.

33. Għaldaqstant, nipproponi li nirrispondi għall-ewwel domanda billi ngħid li la l-Artikolu 191(2) TFUE u lanqas l-Artikolu 9(1) ma għandhom effett dirett u, għalhekk, la l-wieħed u l-anqas l-ieħor ma jista' jkun invokat quddiem qorti nazzjonali minn individwu biex jikkontesta taxxa partikolari fuq l-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-enerġija.

### *B. Fuq it-tieni domanda: il-kwistjoni ta' nondiskriminazzjoni*

34. Permezz tat-tieni domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tolqot lil impriżi li jkollhom konċessjoni għall-użu ta' baċir inter-komunitarju għall-produzzjoni tal-elettriku, iżda mhux lil operaturi li jkollhom konċessjonijiet fuq baċiri intra-komunitarji, lanqas lil produtturi tal-elettriku li jużaw teknoloġiji oħra, tkunx kompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn operaturi previst fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72.

35. Kif diġà spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-Kawżi magħquda C-80/18 sa C-83/18 UNESA *et* vs Administración General del Estado, li kienu wkoll ippreżentati dalgħodu, jiena konvint li l-iskop tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/72 huwa limitat għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriku, minkejja l-ġeneralità tal-kliem tad-dispożizzjoni. Dan joħroġ mill-fatt li, l-ewwel nett, il-kunċett ta' "ġenerazzjoni" għandu jinftiehem, kif wieħed jista' jikkonkludi mill-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2009/72, bħala li jirreferi biss għall-bini ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku u, it-tieni nett, id-Direttiva kienet adottata abbażi biss tal-Artikolu 95 KE (illum l-Artikolu 114 TFUE) fejn it-tieni paragrafu tiegħu jipprovdi li dan l-artikolu ma jistax jintuża għall-adozzjoni ta' miżuri fiskali tal-Unjoni.

12 Ara b'analoġija s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2018, Klohn (C-167/17, EU:C:2018:833, punt 29).

36. Il-kwistjoni ta' armonizzazzjoni fiskali hija, barra minn hekk, ta' ċertu importanza kunsiderevoli. Tabilħaqq, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni (fis-sens u t-tifsira speċjali ta' dak it-terminu fid-dritt tal-Unjoni) japplika biss skont l-iskop tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [13]. Għaldaqstant, jekk id-direttiva għandha tinftiehem bħala li tagħmel dan il-prinċipju applikabbli għal taxxi imposti fuq is-suq tal-elettriku, allura hija għandha titqies bħala miżura ta' armonizzazzjoni.

37. Hawnhekk għandu jiġi osservat li, minħabba li l-Unjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 114 TFUE tadotta tali miżura ta' tassazzjoni, jekk l-Artikolu 3(1) kellu japplika għal miżura ta' tassazzjoni nazzjonali huwa, dan l-artikolu, mid-definizzjoni tiegħu stess, kien ikun illegali. Għaldaqstant huwa meħtieġ li d-dispożizzjoni tingħata interpretazzjoni iktar restrittiva milli forsi l-ġeneralità tal-kliem tagħha tista' xort'oħra tissuġġerixxi. Id-Direttiva għandha. għalhekk, titqies li ma għandhiex l-effett li tagħmel il-prinċipju tal-Unjoni ta' nondiskriminazzjoni applikabbli għall-miżuri ta' tassazzjoni nazzjonali. Kull konklużjoni oħra kienet tkun titlob, fil-fehma tiegħi, li d-Direttiva missha kellha l-Artikolu 115 TFUE bħala l-bażi legali tagħha u, għalhekk, kien ikollha tiġi adottata mill-Kunsill hu u jaġixxi b'mod unanimu.

38. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inħossni obbligat nikkonkludi li dik il-miżura ta' tassazzjoni nazzjonali ma tagħmilx parti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/72.

*1. Sussidjarjament, il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni*

39. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni u tikkonkludi li l-Artikolu 3(1) huwa fil-fatt applikabbli għal taxxi, xorta waħda nipproponi li neżamina sussidjarjament jekk dik id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata bħala li tipprekludi taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-bqija ta' dawn il-konklużjonijiet, għaldaqstant, tkomplu għaddejja abbażi tal-preżunzjoni — kuntrarju għal kif nifhimha jiena — li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72 fil-fatt japplika għal miżuri ta' tassazzjoni ta' din ix-xorta.

40. F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni la biex tapplika t-Trattati jew att tal-Unjoni għal każ speċifiku, u lanqas biex tiddeċiedi dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali, kif ikun possibbli għaliha tagħmel dan skont l-Artikolu 258 TFUE. Fl-aħħar mill-aħħar huwa għall-qorti nazzjonali, li hija biss għandha l-ġurisdizzjoni tiddetermina l-fatti tal-kawża quddiemha u tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, biex tiddeċiedi fuq il-validità tal-miżura nazzjonali. Madankollu, fi proċeduri għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja, li tintalab tipprovdi risposti utli għall-qorti nazzjonali, tista' tagħti gwida bbażata fuq id-dokumenti fil-proċess u fuq osservazzjonijiet bil-miktub u orali ppreżentati lilha, biex il-qorti nazzjonali tkun tista' tagħti sentenza [14].

41. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet b'rabta ma' direttiva preċedenti dwar regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku [15], id-dispożizzjonijiet li jirreferu għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni f'dik id-direttiva, "huma espressjonijiet partikolari tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza" [16]. Għalhekk, bħala prinċipju, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza għandha titqies bħala rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1).

13 Ara dwar dan is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas (C-13/05, EU:C:2006:456, punt 56).

14 Sentenza tas-6 ta' Diċembru 2018, Montag (C-480/17, EU:C:2018:987, punt 34).

15 Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU *Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2. p. 211*).

16 Ara s-sentenza tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 79).

42. Kif jitlob il-prinċipju ta' trattament ugwali, sitwazzjonijiet komparabbli ma għandhomx jiġu trattati b'mod differenti, u sitwazzjonijiet differenti ma għandhomx jiġu trattati bl-istess mod sakemm tali trattament ikun iġġustifikat b'mod oġġettiv [17].

*a) Sitwazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala komparabbli*

43. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi li jiddistingwu sitwazzjonijiet differenti u l-kwistjoni jekk dawk is-sitwazzjonijiet ikunux komparabbli, għandhom jiġu ddeterminati u evalwati skont id-dritt tal-Unjoni, fid-dawl tas-suġġett tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-allegata diskriminazzjoni u tal-għan segwit [18].

44. Madankollu, f'sitwazzjoni fejn il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali ma jkollux x'jaqsam, iżda tkun dispożizzjoni li tagħti tifsira lil dan il-prinċipju, allura l-kwistjoni tkun jekk il-komparabbiltà ta' żewġ sitwazzjonijiet ma għandhiex tkun evalwata fid-dawl tal-għan segwit minn dik id-dispożizzjoni iżda pjuttost b'referenza għall-għanijiet u l-effetti sostantivi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

45. Fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda tiddependi fuq kif il-prinċipju ta' trattament ugwali ssir referenza għalih fid-dispożizzjoni li tagħti tifsira lil dan il-prinċipju. Jekk din tal-aħħar tipprovdi espressament li żewġ kategoriji ta' persuni għandhom ikunu ttrattati b'mod identiku, qrati nazzjonali għandhom iqisu li s-sitwazzjonijiet tagħhom ikunu komparabbli [19]. Madankollu, jekk il-liġi tal-Unjoni tkun tgħid biss li l-Istati Membri m'għandhomx jiddiskriminaw fost ċerta kategorija ta' persuni, dawk l-Istati Membri jkunu obbligati ma jittrattawx il-persuni kollha bħala li jkunu fl-istess kategorija, iżda minflok jiżguraw li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza normattiva tagħhom, huma ma joħolqu ebda distinzjoni arbitrarja u, barra minn hekk, li jibqa' bla mittiefes il-qofol tal-ugwaljanza ta' trattament [20].

46. F'dan il-każ, minħabba li l-Artikolu 3(1) ma jipprovdix li l-produtturi kollha tal-elettriku għandhom jiġu ttrattati b'mod identiku, iżda pjuttost li "L-Istati Membri [...] ma għandhomx jiddiskriminaw bejn dawk l-impriżi [tal-elettriku] fejn jikkonċerna d-drittijiet jew obbligi tagħhom", il-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet għandha verament tiġi ddeterminata fid-dawl tas-suġġett tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-għan segwit.

47. Il-preambolu tal-Liġi Nru 15/2012 isemmi li t-taxxa fuq l-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku, issegwi żewġ għanijiet, jiġifieri:

– li jkun estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' ħlas eżistenti stabbilit bl-Artikolu 112 tal-Liġi dwar l-Ilma u pagabbli għall-użu u għall-isfruttament ta' ċerti partijiet tad-dominju idrawliku pubbliku u għall-użu ta' ilmijiet interni li ma kinux qabel suġġetti għal din it-taxxa;

– li tissaħħaħ il-protezzjoni ta' ilmijiet pubbliċi billi jinkisbu riżorsi mingħand dawk li jiksbu benefiċċju mill-użu privat jew mill-użu speċjali tagħhom, u li "dawk li b'modi differenti jagħmlu użu minnhom l-aħħar" iħallsu "għall-ispejjeż għal servizzi relati mal-immaniġġar tal-ilma, inklużi spejjeż ambjentali u ta' riżorsi".

17 Sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO (C-390/15, EU:C:2017:174, punt 41).

18 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2019, Cresco Investigation (C-193/17, EU:C:2019:43, punt 42). Ara wkoll is-sentenzi tal-1 ta' Ottubru 2015, O (C-432/14, EU:C:2015:643, punt 32), u tas-26 ta' Ġunju 2018, MB (bidla fil-ġeneru u pensjoni tal-irtirar) (C-451/16, EU:C:2018:492, punt 42).

19 Ara dwar dan is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Montero Mateos (C-677/16, EU:C:2018:393, punt 50).

20 Ara dwar dan is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Finanzamt Linz (C-66/14, EU:C:2015:661, punti 26 u 31).

48. *Fir-rigward ta' dan l-ewwel għan*, minħabba li kemm il-bażi taxxabbli kif ukoll ir-rata tat-taxxa stabbiliti bl-Artikolu 112 tal-Liġi dawr l-Ilma huma differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 112bis ta' din tal-aħħar, tabilħaqq b'mod ovvju l-ewwel għan imsemmi fil-preambolu ta' dik il-liġi ma jistax jitqies bħala wieħed li verament huwa segwit minn dak l-artikolu. Għaldaqstant, ma għandux jitqies dan l-għan biex tiġi ddeterminata l-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni.

49. *Fir-rigward tat-tieni għan*, fid-dawl ta' dan l-għan tal-aħħar, dawk kollha li jużaw ilma pubbliku għandhom jitqiesu bħala li jkunu fl-istess sitwazzjoni. Tabilħaqq, għalkemm il-preambolu tal-Liġi Nru 15/2012 jgħid li l-iskop tal-applikazzjoni tat-taxxa huwa limitat għall-produzzjoni tal-elettriku, l-għan partikolari li din it-taxxa qed issegwi, jiġifieri, li tissaħħaħ il-protezzjoni ta' ilmijiet pubbliċi billi l-ispiża tas-servizzi relatata mal-immaniġġar tal-ilma tgħaddi għal għand min juża s-servizzi l-aħħar, fil-fatt tirigwarda lil dawk kollha li jużaw ilmijiet interni.

50. Il-qorti tar-rinviju tqajjem dubji serji dwar jekk dan l-għan leġiżlattiv iddikjarat huwiex tabilħaqq wieħed ġenwin. Hija tissuġġerixxi li l-għan tat-taxxa fuq l-użu ta' ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-elettriku tista' tkun esklużivament biex jiżdied il-volum ta' dħul fis-sistema finanzjarja tas-settur tal-elettriku biex ipaċi l-iżbilanċ fit-tariffi li jirriżulta mid-differenza bejn id-dħul riċevut mill-kumpanniji tal-elettriku Spanjoli mingħand il-konsumaturi u l-ispejjeż tal-provvista tal-elettriku rikonoxxuti mir-regoli nazzjonali, li l-irkupru tagħhom huwa ggarantit mill-Istat Spanjol. Hija ta' din il-fehma għar-raġunijiet li ġejjin:

– ir-rata tat-taxxa hija ta' 22 % tal-valur iġġenerat, filwaqt li r-rata għall-okkupazzjoni, l-użu u l-isfruttament ta' kanali oħra naturali tal-ilma hija biss ta' 5 %;

– it-taxxa inkwistjoni għandha bħala l-bażi tagħha, il-valur tal-elettriku prodott u mhux il-kwantità ta' ilma użat;

– għalkemm id-Digriet Irjali jispeċifika li l-baġit ġenerali tal-Istat jalloka ammont mill-inqas daqs it-98 % tad-dħul miksub minn dik it-taxxa għal miżuri għall-protezzjoni u t-titjib ta' riżorsi ta' ilma pubbliku, tali allokazzjoni ma tħarsitx fil-baġit tal-2016, fejn id-dħul kollu ġġenerat minn din it-taxxa kien allokat biex ipaċi l-iżbilanċ tas-sistema tal-elettriku.

51. Ir-rikorrenti esprimew ukoll tħassib dwar in-natura ġenwina ta' dak l-għan, minħabba li l-applikazzjoni ta' din it-taxxa għandha l-effett li l-idroelettriku qed ikun intaxxat doppjament daqs sorsi oħra ta' elettriku, inklużi dawk is-sorsi li jitqiesu li jniġġsu iktar.

52. Ftit jidher li hemm dubju iżda li l-għan primarju ta' dik it-taxxa huwa li jżid il-volum ta' dħul pubbliku ġġenerat mis-settur tal-elettriku. Wieħed jista', madankollu, jaċċetta li l-produzzjoni tal-idroelettriku tippreżenta kwistjonijiet partikolari rigward l-użu ta' riżorsi nazzjonali li jistgħu jiġġustifikaw trattament kemxejn differenti ta' dak is-settur għal finijiet ta' tassazzjoni.

53. Wara kollox, l-għan iktar speċifiku tat-taxxa fuq ilmijiet interni ma huwiex li jkun protett l-ambjent b'mod ġenerali, iżda pjuttost li tissaħħaħ il-protezzjoni ta' ilmijiet pubbliċi u biex l-ispiża ta' servizzi relatati mal-immaniġġar tal-ilma tgħaddi għal għand dawk li b'mod differenti jużaw is-servizzi l-aħħar [21]. Għalhekk, il-fatt li r-rata ta' din it-taxxa hija ogħla minn dik applikabbli għall-użu ta' kanali oħra naturali tal-ilma mhux bilfors jikkontradixxi l-għan segwit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri, li l-ispiża tas-servizzi tal-ilma tgħaddi għal għand konsumaturi, minħabba li mhux dawk kollha li jużaw l-ilma jħallu l-istess impatt fuq dawn tal-aħħar [22].

54. Fir-rigward tat-tieni ċirkustanza msemmija mill-qorti tar-rinviju, għalkemm l-għażla ta' din il-bażi partikolari tat-taxxa tista' tidher mhux tas-soltu, għandu jitfakkar li l-produzzjoni tal-elettriku permezz ta' teknoloġiji idroelettriċi timplika ċerta relazzjoni bejn l-ilma użat u l-kwantità ta' elettriku prodotta. Tabilħaqq, din il-kwantità hija ddeterminata mill-volum ta' kemm ikun għaddej ilma u l-għoli mit-turbini fl-impjant tal-enerġija għall-wiċċ tal-ilma maħluq mid-diga [23]. Għalhekk, il-fatt li taxxa hija bbażata fuq l-ammont ta' elettriku prodott - u mhux l-ilma kkunsmat - ma tidhirx, bħala tali, li tmur kontra l-għan li l-ispejjeż tas-servizzi għall-immaniġġar tal-ilma jgħaddu għal għand dawk li jużaw is-servizzi l-aħħar.

55. Fir-rigward tat-tielet ċirkustanza msemmija mill-qorti tar-rinviju, jiġifieri, dak li ntqal li 98 % tad-dħul miksub mit-taxxa fuq ilmijiet interni ma kienx allokat għall-protezzjoni u t-titjib ta' riżorsi pubbliċi tal-ilma fil-baġit tal-2016 [24], huwa minnu li l-għanijiet segwiti mit-taxxa biex tissaħħaħ il-protezzjoni ta' ilmijiet pubbliċi u biex l-ispejjeż ta' servizzi relatati mal-immaniġġar jgħaddu għal għand dawk li b'mod differenti jużaw is-servizzi l-aħħar jissuġġerixxu li għall-inqas parti mis-somom miġbura, li jaqblu mal-ispejjeż ta' użu ta' ilma, tkun allokata bix jinżammu u jitjiebu installazzjonijiet [25].

56. Madankollu, in-nuqqas ta' allokazzjoni tad-dħul iġġenerat mit-taxxa fuq l-użu ta' ilmijiet interni b'dak il-mod fl-2016 ma huwiex fih innifsu biżżejjed biex jintwera li t-taxxa ma ssegwix tali għan. Tabilħaqq, anki jekk kellhom jiġu stabbiliti tali ċirkustanzi, sakemm dan tal-aħħar jibqa' limitat għal sena speċifika, ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk l-għan iddikjarat ma huwiex wieħed ġenwin jew jekk il-problema hijiex limitata għall-baġit tal-2016.

57. Sa fejn għandu x'jaqsam l-argument tar-rikorrenti li hemm taxxi finali fuq l-idroelettriku li huma kunsiderevolment ogħla minn dawk fuq l-elettriku prodott b'metodi oħra, inklużi dawk ġeneralment meqjusa li jniġġsu iktar l-ambjent, huwa minnu li tali ċirkustanza, jekk hija preċiża, tixħet dubju fuq il-politika Spanjola għall-protezzjoni tal-ambjent. Madankollu, għandu jitfakkar, għal darb'oħra, li l-għan segwit mit-taxxa inkwistjoni ma huwiex li jitħares l-ambjent b'mod ġenerali iżda li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ilmijiet pubbliċi u li l-ispiża tas-servizzi relatati mal-immaniġġar tal-ilma tgħaddi għal għand dawk li b'mod differenti jużaw is-servizzi l-aħħar. Ma huwiex kuntrarju għal dan l-għan li r-rata ta' taxxa tkun ogħla għall-idroelettriku milli għal elettriku prodott b'metodi oħra.

21 Fir-rigward taċ-ċirkustanza li t-taxxa tapplika biss għal produtturi ta' idroelettriku idrawliku, huwa ċar mill-kliem tal-preambolu tal-Liġi Nru 15/2012 li l-għan segwit minn dik it-taxxa ma huwiex, fih innifsu, li l-ispiża tas-servizzi relatata mal-mmaniġġar tal-ilma tiġi ttrasferita għal għand dawk li b'mod differenti jużaw is-servizzi l-aħħar. Għalhekk, ikun biżżejjed li din it-taxxa tikkontribwixxi għal dak it-trasferiment.

22 F'dan ir-rigward, nixtieq nenfasizza wkoll li, għall-kuntrarju ta' produtturi oħra tal-elettriku li jixtru l-materjali mhux maħduma tagħhom (żejt, faħam, gass, uranju) mis-settur privat, produtturi idroelettriċi jistrieħu fuq riżorsi pubbliċi biex jipproduċu l-elettriku tagħhom. L-ammont imħallas għall-użu ta' dawk il-beni pubbliċi, għandhom għaldaqstant jitqiesu, parzjalment, bħala taxxa u parzjalment bħala ħlas tal-konċessjoni għall-użu ta' dawk ir-riżorsi pubbliċi, peress li, skont l-Artikolu 107 TFEU, l-Istati Membri ma jistgħux joħolqu distorzjoni fil-kompetizzjoni billi jirrendu disponibbli riżorsi tal-Istat lil xi produttiri mingħajr ħlas.

23 Sors: http://www.waterencyclopedia.com/Ge-Hy/Hydroelectric-Power.html#ixzz5g4zOuRDg

24 Dan ma jikkontradixxix it-tieni dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi Nru 15/2012. Tabilħaqq, din tal-aħħar ma tipprevedix li l-ammont miġbur permezz tat-taxxa għandu jintuża biex ipaċi l-iżbilanċ tal-grilja tal-elettriku, iżda li ammont ekwivalenti għal dawk is-somom jintuża fil-baġit għal dak l-għan..

25 Filwaqt li xi spejjeż tal-użu tal-ilmijiet, b'mod partikolari dawk marbuta mal-iffurmat tal-baċir diġà tħallsu mill-Istati Membri kkonċernati, oħrajn (pereżempju dawk marbuta mal-manutenzjoni tal-istallazzjoni jew mad-deterjorament ta' xatt il-baħar) jiġu okkażjonati matul l-użu tal-baċir.

58. Isegwi li ma huwiex ovvju mill-argumenti magħmula mill-qorti tar-rinviju u mir-rikorrenti li t-tieni għan imsemmi fil-preambolu tal-liġi ma huwiex ġenwin. Madankollu, huwa għall-qorti tar-rinviju li tevalwa jekk l-għan tal-liġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwiex relatat b'mod ġenwin mal-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ilmijiet pubbliċi u biex l-ispiża tas-servizzi relatati mal-immaniġġar tal-ilma tgħaddi għal għand dawk li b'mod differenti jużaw is-servizzi l-aħħar.

*b) L-eżistenza ta' differenza ta' trattament*

59. Jekk wieħed joqgħod mal-għan stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, allura dawk kollha li jużaw ilma intern għandhom jitqiesu bħala li jinsabu fl-istess sitwazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk hemmx differenza ta' trattament. Bl-introduzzjoni ta' taxxa li tkopri biss dawk li jużaw ilmijiet għall-produzzjoni tal-elettriku, din il-leġiżlazzjoni, għaldaqstant, toħloq differenza ta' trattament bejn dawn tal-aħħar u oħrajn li jużaw l-ilmijiet interni.

60. Jekk id-dubji espressi mill-qorti tar-rinviju dwar l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kellhom jiġu kkonfermati, il-leġiżlazzjoni tkun qed tintroduċi wkoll differenza ta' trattament, iżda dan tal-aħħar ma jkunx bejn dawk li jużaw l-ilma biex jipproduċu l-elettriku u dawk li jużawh għal għanijiet oħra, iżda pjuttost bejn produtturi ta' idroelettriku u produtturi oħra tal-elettriku. Tabilħaqq, jekk l-għan tat-taxxa fuq l-użu ta' ilma intern huwa li jiżdied il-volum ta' dħul fis-sistema finanzjarja tas-settur tal-elettriku, il-produtturi kollha tal-enerġija jkollhom, imbagħad, jitqiesu li jkunu f'sitwazzjoni komparabbli, minħabba li l-iżbilanċ ikun dovut għad-differenza bejn id-dħul li kumpanniji tal-elettriku Spanjoli jirċievu mingħand konsumaturi u l-ispejjeż tal-provvista tal-elettriku rikonoxxuti b'regolamenti nazzjonali.

*c) Ġustifikazzjoni*

61. Fejn ikun hemm differenza ta' trattament bejn żewġ sitwazzjonijiet li xort'oħra kienu jkunu komparabbli, ma jinkisirx il-prinċipju ta' trattament ugwali sakemm dik id-differenza tkun debitament iġġustifikata [26]. Dan ikun il-każ, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn id-differenza fit-trattament tkun iġġustifikata minn raġuni oġġettiva, fejn id-differenza fit-trattament tkun proporzjonata għal din ir-raġuni u jekk din ir-raġuni titqies mil-leġiżlatur nazzjonali b'mod konsistenti [27].

62. F'dan il-każ, il-qorti nazzjonali u l-partijiet jirreferu għal possibbiltà ta' tliet ġustifikazzjonijiet, jiġifieri:

– il-protezzjoni ta' riżorsi naturali;

– il-ħtieġa li jkun żgurat livell ekwivalenti ta' tassazzjoni bejn produtturi ma' kategoriji oħra ta' produtturi tal-elettriku li jkunu suġġetti għal taxxi oħra;u

– it-tqassim ta' kompetenzi bejn l-Istat u l-komunitajiet awtonomi fi Spanja.

63. *Fir-rigward tal-protezzjoni tar-riżorsa naturali*, minħabba li l-impatt tal-ġenerazzjoni ta' enerġija idroelettrika fuq l-ilmijiet interni jinvolvi l-użu ta' riżorsi ambjentali pubbliċi li Spanja tixtieq tikkonserva, tali għan jista' jiġġustifika differenza fit-trattament bejn il-produtturi ta' enerġija idroelettrika u oħrajn li jużaw ilmijiet pubbliċi [28], sakemm tali differenza tkun relatata b'mod effettiv ma' u proporzjonata għall-impatt speċifiku li dik it-teknika jkollha fuq l-ambjent, u li din ir-raġuni

26 Ara dwar dan is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique et Lorraine *et* (C-127/07, EU:C:2008:728, punt 47).

27 Ara dwar dan is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350, punt 43).

28 Barra minn hekk, tali għan jista' jitqies biss bħala li jkun segwit mil-leġiżlatura nazzjonali b'mod koerenti u sistematiku jekk kull kategorija ta' dawk li jużaw ilma pubbliku kienet tkun intaxxat skont ir-regoli li jqisu l-użu rispettiv li huma jagħmlu tal-ilma.

titqies b'mod konsistenti. Anki jekk dawn huma materji essenzjalment għall-qorti tar-rinviju li tivverifika u tevalwa, jiena, madankollu, ma narax kif tali għan jista' jiġġustifika li produtturi ta' enerġija idroelettrika jistgħu jiġu ttrattati b'mod differenti skont jekk il-konċessjoni li jkollhom tkunx tikkonċerna jew le baċir intra-komunitarju jew inter-komunitarju tad-diversi komunitajiet awtonomi reġjonali fi Spanja. Isegwi, għalhekk, li din l-ispjegazzjoni partikolari ma tistax tiġġustifika d-differenza fit-trattament deskritta qabel.

64. L-istess raġunament japplika għall-ħtieġa li jkun żgurat livell ta' tassazzjoni wiesgħa b'mod komparabbli bejn produtturi tal-elettriku. Tabilħaqq, għalkemm dak l-għan jista' jitqies leġittimu, ikun biss jista' jitqies konsistenti u proporzjonat jekk jitqies, direttament jew indirettament l-ammont ta' taxxa li jkun diġà tħallas minn kull produttur tal-elettriku, biex tiġi ddeterminata t-taxxa dovuta skont l-Artikolu 112bis, li ma jidhirx li huwa l-każ. Tabilħaqq, ma jidhirx li l-kalkolu tat-taxxa dovuta skont l-Artikolu 112bis huwa, b'xi mod jew ieħor, relatati mal-ammont ta' taxxi diġà mħallas mill-produtturi tal-elettriku, għalkemm, għal darb'oħra, din hija materja għall-qorti tar-rinviju li tevalwa u tivverifika.

65. Fis-seduta l-Gvern Spanjol issottometta li din id-differenza hija spjegata mid-differenza ta' kif jgħaddu bejniethom kanali tal-ilma, skont jekk jgħaddux jew le minn iktar minn komunità awtonoma waħda. Ma nistax ma naħsibx, iżda, li spjegazzjoni bħal din ma hijiex konvinċenti ħafna. Minbarra li l-mod kif jgħaddi kanal tal-ilma jiddependi minn fatturi oħra apparti t-tul tiegħu, ebda dispożizzjoni fil-preambolu tad-Digriet Irjali Nru 198/2015, li ħoloq din id-distinzjoni, ma jirreferi għal tali ġustifikazzjoni.

66. Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tqassim ta' kompetenzi bejn l-Istat u l-komunitajiet awtonomi fi Spanja, jekk tali għan għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi raġuni oġġettiva, il-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux dwar jekk il-Kostituzzjoni Spanjola fil-fatt tirriżervax jew le l-kompetenza li tkun adottata taxxa jew ikun deċiż ammont ta' ħlas li jkollu jsir għall-użu ta' baċiri intra-komunitarji lil *kull* komunità awtonoma[29]. Ir-rikorrenti jsostnu li l-Istat għandu ġurisdizzjoni ġenerali f'materji ta' taxxa skont l-Artikolu 149(2)(14) tal-Kostituzzjoni, filwaqt li l-Gvern Spanjol jallega li jista' jiġi dedott minn qari *a contrario* tal-Artikolu 149(1)(22) tal-Kostituzzjoni li l-Istat ma għandux ġurisdizzjoni biex jistabbilixxi taxxa jew ħlas[30] għall-użu privat ta' ilmijiet interni li jgħaddu għal ġewwa t-territorju ta' komunità awtonoma waħda.

67. F'dan ir-rigward, ninnota li, l-ewwel nett, ma jistax jiġi dedott, b'mod loġiku, min-natura esklużiva tal-kompetenza li għandu l-Istat li jorganizza u jagħti biss konċessjonijiet relatati ma' baċiri inter-komunitarji, li dak l-Istat ma għandux kompetenza jintaxxa elettriku prodott minn baċiri intra-komunitarji, minħabba li tali kompetenza tista' tkun eżerċitata b'mod konġunt. It-tieni nett, jidher mill-qari ta' "l-ewwel dispożizzjoni addizzjonali" li hemm fl-Att Nru 15/2012 li inizjalment il-leġiżlatura nazzjonali qieset li hija kellha ġurisdizzjoni tinvadi s-setgħat fiskali tal-komunitajiet awtonomi.

68. Madankollu għandu jitfakkar li meta l-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tagħti deċiżjoni preliminari, xogħlha jkun li tagħti gwida lill-qorti nazzjonali dwar l-iskop tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni biex dik il-qorti tkun tista' tapplika r-regoli b'mod korrett għall-fatti fil-kawża quddiemha, u ma huwiex għall-Qorti tal-Ġustizzja li tapplika hija stess dawk ir-regoli, *a fortiori* minħabba li ma jkollhiex neċessarjament l-informazzjoni essenzjali kollha biex tagħmel hekk[31]. Għalhekk, ikun għall-qorti tar-rinviju jekk tiddikjarax jew le li l-Kostituzzjoni Spanjola għandha tkun interpretata bħala li tfisser li l-Istat ma kienx intitolat japplika t-taxxa inkwistjoni għal baċiri intra-komunitarju.

29 Tabilħaqq, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali Nru 198/2015 tapplika għall-komunitajiet kollha irrispettivament mill-istatus tagħhom.

30 Minħabba li l-kompetenza li tiġi adottata taxxa u dik li tistabbilixxi ħlas ma kinux neċessarjament mogħtija lill-istess awtorità, it-tnejn jeħtiġilhom ikunu eżaminati.

31 Ara, pereżempju s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Omni Metal Service (C-259/05, EU:C:2007:363, punt 15).

69. Jekk id-dubji li l-qorti tar-rinviju esprimiet dwar is-sinċerità tal-għan segwit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kellhom ikunu kkonfermati, imbagħad, filwaqt li huwa fatt li l-produzzjoni idroelettrika tippreżenta kwistjonijiet differenti milli fil-każ ta' forom oħra ta' produzzjoni tal-elettriku minħabba l-użu ta' riżorsi naturali li b'hekk ikollhom jintużaw, dan, madankollu, ma jostorx il-fatt li trattament inugwali li tmissu b'idejk għal finijiet ta' taxxa ta' tipi differenti ta' produtturi tal-elettriku jista' jinċidi fuq il-prinċipji ta' ugwaljanza u nondiskriminazzjoni b'mod fundamentali. Għaldaqstant ma jkun hemm l-ebda dubju li t-trattament fiskali differenti ta' din ix-xorta ta' tipi differenti ta' produtturi tal-elettriku għandu jkun iġġustifikat oġġettivament. Dan jista' jkun dovut għad-differenza kbira li tolqtok fit-trattament fiskali ta' produtturi tal-idroelettriku meta mqabbel ma' dak ta' produtturi oħra tal-elettriku [32].

70. Għalhekk, biex niġbor fil-qosor dwar din il-kwistjoni, minħabba li jiena tal-fehma li l-Artikolu 3(1) ma japplikax għal miżuri fiskali nazzjonali, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tirrispondi għat-tieni domanda billi tgħid li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn operaturi previst fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72 ma japplikax għal taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tolqot lil impriżi li jkollhom konċessjoni għall-użu ta' baċir inter-komunitarju għall-produzzjoni tal-elettriku, iżda mhux lil operaturi li jkollhom konċessjoni f'baċiri intra-komunitarji biex jipproduċu l-elettriku, u lanqas lil produtturi tal-elettriku li jużaw teknoloġiji oħra.

71. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqsamx il-fehma tiegħi dwar l-iskop tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72, allura nirrispondi d-domanda b'mod alternattiv billi ngħid li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata bħala li ma tipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma huma l-miżuri ta' tassazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kundizzjoni, madankollu, li t-trattament fiskali differenti tal-produtturi differenti tal-elettriku jkun jista' jkollu ġustifikazzjoni oġġettiva bil-mod li għadni kif iddeskrivejt. Madankollu, huwa għall-qorti tar-rinviju li tevalwa jekk l-għan invokat mil-liġi fil-kawża prinċipali huwiex ġenwinament ibbażat fuq tħassib ġustifikat li jirriżulta mill-użu ta' riżorsi pubbliċi u, b'mod speċifiku, jekk it-trattament fiskali differenti b'mod straordinarju ta' tipi differenti ta' produtturi tal-elettriku jistax ikun iġġustifikat oġġettivament.

## *C. Fuq it-tielet domanda: Għajnuna mill-Istat*

72. Permezz tat-tielet domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat jew le bħala li jfisser li n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' taxxa fuq l-użu ta' ilmijiet interni lil impriżi li jkollhom konċessjoni f'baċiri intra-komunitarji biex jipproduċu enerġija elettrika jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ipprojbita.

73. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kwalifika ta' miżura nazzjonali bħala "għajnuna mill-Istat", skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, titlob li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jitħarsu kumulattivament:

– għandu jkun hemm intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat.

– l-intervent għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

– l-intervent joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

– ikun jagħti vantaġġ selettiv lil min jirċievi l-għajnuna [33].

32 Jekk tali trattament fiskali differenti jistax oġġettivament ikun iġġustifikat, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-marġni ta' diskrezzjoni neċessarjament permessa lill-Istati Membri f'każijiet ta' din ix-xorta u l-kunsiderazzjonijiet partikolari b'rabta mal-konsum tar-riżorsi naturali, fl-aħħar mill-aħħar hija kwistjoni għall-qorti nazzjonali li tevalwa.

33 Ara dwar dan is-sentenzi tal-21 ta' Diċċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 53) u tad-19 ta' Diċembru 2018, A-Brauerei (C-374/17, EU:C:2018:1024, punt 19).

*1. L-ewwel tliet kundizzjonijiet:Intervent permezz ta' riżorsi tal-Istat li jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni*

74. Minħabba n-natura tal-miżuri fiskali Spanjoli, huwa ċar li dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala li kienu tħarsu. Wasalt għal din il-konklużjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

75. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li miżura li biha awtorità pubblika tagħti lil ċerti impriżi trattament fiskali speċifiku li, minkejja li ma jkunx jinvolvi t-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, tqegħidhom f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli minn oħrajn li jħallsu t-taxxi, tikkostitwixxi intervent mill-Istat konċedenti[34].

76. It-tieni nett, miżura x'aktarx tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri malli dak il-kummerċ, anki jekk ipotetiku, ikun jeżisti fl-attività ekonomika konċernata. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat li meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-qagħda ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li jkunu jikkompetu fil-kummerċ intra-komunitarju, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu li jkunu milquta minn dik l-għajnuna. Għalhekk, ma huwiex meħtieġ li l-impriżi benefiċjarji jkollhom x'jaqsmu huma nnifishom fil-kummerċ intra-komunitarju. Kull darba li Stat Membru jagħti għajnuna lil impriżi, b'riżultat l-attività interna tista' tibqa' kif tkun jew tiżdied u, għalhekk, l-opportunitajiet għal impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jippenetraw is-suq f'dak l-Istat Membru b'hekk jonqsu[35]. Fil-prattika, għalhekk, dan ifisser li, ħlief fil-każ ta' ċirkustanzi speċjali, ikun biss meta swieq nazzjonali ma jkunux miftuħa għall-kompetizzjoni u dawk li jkunu ngħataw l-għajnuna jaġixxu esklużivament f'dan il-qafas li miżura tkun tista' titqies li ma tkunx tolqot il-kummerċ intra-komunitarju[36].

77. It-tielet nett, isegwi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, bħala prinċipju, miżuri intiżi biex jeħilsu impriża minn spejjeż li hija normalment ikollha ġġorr fit-tmexxija jew f'attivitajiet normali tagħha ta' kuljum, joħolqu distorsjoni tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni[37]. Din il-kundizzjoni ma tirrikjedix li jiġi stabbilit li tali għajnuna jkollha effett reali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li fil-fatt ikun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni, iżda biss li jkun eżaminat jekk dik l-għajnuna *tkunx tista'* tolqot dak il-kummerċ u toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Għaldaqstant, miżuri nazzjonali intiżi biex jeħilsu lil impriża mill-ispejjeż li normalment kien ikollha ġġorr fit-tmexxija jew f'attivitajiet tagħha ta' kuljum jipprovdu sostenn finanzjarju artifiċjali lil dik l-impriża li, bħala prinċipju, joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-setturi li fihom jingħata[38].

78. F'dan il-każ il-miżura inkwistjoni, li tikkonsisti f'li ma jkunx intaxxat elettriku prodott mod ieħor milli bl-użu ta' ilma minn baċir inter-komunitarju, tikkostitwixxi trattament fiskali speċifiku li jqiegħed lill-produttur tal-elettriku prodott b'dan il-mod f'qagħda finanzjarja iktar favorevoli. Dan imbagħad x'aktarx jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri minħabba li s-suq tal-elettriku huwa miftuħ għall-kompetizzjoni u, barra minn hekk, jeħles lil dawn il-produtturi minn ħlas ta' taxxa li xort'oħra kien ikollhom jagħmlu. Għaldaqstant, l-ewwel tliet kundizzjonijiet għandhom jitqiesu li kienu tħarsu.

34 Ara dwar dan is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Ministerio de Defensa u Navantia (C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 48) Fil-fatt, f'din is-sitwazzjoni, billi jiddeċiedi li jeskludi ċerti persuni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' taxxa li huma kien imisshom ħallsu fid-dawl tal-għan segwit, Stat jista' jitqies li jkun irrinunzja għal riżorsa fiskali.

35 Ara dwar dan is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech (C-518/13, EU:C:2015:9, punti 66 sa 68).

36 Ara dwar dan is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, Orange vs Il-Kummissjoni (C-211/15 P, EU:C:2016:798, punti 64 sa 66)

37 Ara dwar dan is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Spanja *et* (C-128/16 P, EU:C:2018:5911, punt 34).

38 Ara dwar dan is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-156/98, EU:C:2000:467, punt 30), u tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-288/96, EU:C:2000:537, punti 77 u 78). Għaldaqstant, il-fatt li 7.2 % biss mill-baċiri użati għall-produzzjoni tal-elettriku jistgħu jiġu kklassifikati bħala baċiri intrakomunitarji ma jeskludix li n-nuqqas ta' tassazzjoni tal-elettriku prodott mod ieħor u mhux bl-użu ta' baċir interkomunitarju jista' jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri jew li jfixkel il-kompetizzjoni.

*2. Fuq ir-raba' kundizzjoni: l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv*

79. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja,vantaġġi li jirriżultaw minn miżura ġenerali applikabbli mingħajr distinzjoni għall-operaturi ekonomiċi kollha ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE[39]. Għalhekk, biex tiġi kklassifikata taxxa bħala li tkun tagħti vantaġġ selettiv, għandu jsir test fi tliet stadji. Dan it-test kien reġa' ġie affermat dan l-aħħar mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża A-Brauerei, bil-mod kif ġej[40]:

– L-ewwel nett, għandha tiġi identifikata s-sistema komuni jew "normali" tas-sistema fiskali applikabbli fl-Istat Membru konċernat;

– It-tieni nett, ikun meħtieġ jiġi stabbilit li l-miżura fiskali inkwistjoni tkun tidderoga jew titlaq minn dik is-sistema komuni, sa fejn hija tintroduċi differenzi bejn operaturi li, fid-dawl tal-għan segwit minn dik is-sistema fiskali komuni, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli[41];

– It-tielet nett, għandu jiġi eżaminat jekk din id-differenza tkunx iġġustifikata.

*a) Id-determinazzjoni tal-kuntest ta' referenza*

80. Dwar *id-delimitazzjoni materjali tal-kuntest ta' referenza*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 37 tas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, fil-kawża A-Brauerei, (C-374/17, EU:C:2018:1024), li dan għandu jiġi ddeterminat fid-dawl mhux tal-għan segwit mill-miżura inkwistjoni, iżda pjuttost tas-suġġett kopert mit-taxxa li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi deroga minnha[42]. Barra minn hekk, għandhom jitqiesu r-regoli kollha dwar dak is-suġġett, u mhux biss it-taxxa li l-miżura inkwistjoni tidderoga minnha[43].

81. F'dan il-każ, għalkemm it-taxxa fuq l-użu ta' ilma intern għandha l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni ta' ilma pubbliku u li timponi l-ispiża għall-immaniġġar tas-servizzi tal-ilma fuq il-konsumaturi li jużaw is-serviizi l-aħħar, din ma tirriżultax mill-fatt li s-suġġett ta' għajnuna potenzjali mill-Istat ikunu, madankollu, ir-regoli kollha ta' tassazzjoni fuq l-elettriku[44]. Hija, tabilħaqq, il-kwantità tal-elettriku prodott li tikkostitwixxi l-bażi tat-taxxa tagħha u huwa fis-suq tal-produzzjoni tal-elettriku li jinħass l-impatt tagħha fuq il-kompetizzjoni[45]. Għaldaqstant, il-kuntest ta' referenza huwa kkostitwit, minn aspett materjali, mid-dispożizzjonijiet fiskali nazzjonali kollha relatati mal-produzzjoni tal-elettriku.

82. Dwar *id-delimitazzjoni territorjali tal-kuntest ta' referenza,* il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-Kawża ANGED li "għall-finijiet tal-evalwazzjoni tas-selettività ta' miżura [dak il-qafas] ma għandux jiġi ddeterminat neċessarjament fil-limiti tat-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, iżda jista' jkun dak tat-territorju li fih awtorità reġjonali jew lokali teżerċita l-kompetenza mogħtija lilha mill-kostituzzjoni

39 Sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punti 73 u 74).

40 Ara dwar dan is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, A-Brauerei (C-374/17, EU:C:2018:1024, punti 36 sa 38).

41 Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-234/16 u C-235/16, EU:C:2018:281, punt 32).

42 Iż-żamma, bħala kriterju, tal-għan segwit mill-miżura inkwistjoni tikkontradixxi l-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li l-kawżi u l-għanijiet ta' intervent pubbliku huma, bħala prinċipju, irrilevanti biex jiġi ddeterminat jekk miżura tikkostitwixxix għajnuna.. Ara dwar dan is-sentenza tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni (173/73, EU:C:1974:71, punt 13). Barra minn hekk, tali pożizzjoni tnaqqas il-projbizzjoni ta' għajnuna mill-Istat għal waħda ta' kontroll tal-konsistenza tal-eżenzjonijiet mogħtija, bħalma huwa l-każ skont il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, filwaqt li skont l-Artikolu 107 TFUE l-għan ta' kontroll ta' għajnuna mill-Istat huwa li jkun evitat li għajnuna mill-Istat toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Madankollu, ladarba tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat, l-għanijiet segwiti minn miżura tista' tkun rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk dik l-għajnuna mill-Istat tistax tkun iġġustifikata.

43 Sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Gibraltar u r-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 93).

44 Ara l-konklużjonijiet ippreżentati mill-Kunsill Spanjol Nru 928/2014 approvati fid-9 ta' Ottubru 2014 dwar id-Digriet Irjali Nru 198/2015 li jenfasizzaw li dan id-Digriet "ikollu effetti fuq is-suq tal-elettriku".

45 Tista' tqum il-kwistjoni, madankollu, dwar jekk il-kuntest ta' referenza huwiex ikkostitwit biss mit-taxxi li jirregolaw il-produzzjoni ta' idroelettriku jew mit-taxxi kollha fuq il-produzzjoni tal-elettriku. Madankollu, billi l-ġenerazzjoni tal-enerġija idroelettrika mhijiex suq separat, inqis li l-kuntest ta' referenza neċessarjament huwa magħmul mit-taxxi kollha relatati mal-ġenerazzjoni tal-elettriku.

jew mil-liġi. Dan ikun il-każ meta din l-entità jkollha status legali u fattwali li jagħmilha suffiċjentement awtonoma fil-konfront tal-gvern ċentrali ta' Stat Membru sabiex, permezz tal-miżuri adottati minnha, tkun din l-entità, u mhux il-gvern ċentrali, li jkollha rwol fundamentali fid-definizzjoni tal-ambjent politiku u ekonomiku li fih joperaw l-impriżi." [46]

83. Min-naħa tiegħi, madankollu, inqis li dak it-tqassim nazzjonali tal-kompetenzi huwa rilevanti biss biex jiġi ddeterminat il-kuntest ta' referenza fis-sitwazzjoni fejn il-miżura li tkun tista' tikkostitwixxi għajnuna pubblika tkun ġiet adottata minn awtorità reġjonali jew lokali u mhux, bħal f'dan il-każ, fejn dik il-miżura kienet fil-fatt adottata mill-Istat, iżda fejn dan tal-aħħar ikun, biex ngħidu hekk, qed jistaħba wara r-regoli tiegħu dwar it-tqassim tal-kompetenzi biex jiġġustifika għaliex ikun illimita l-iskop territorjali ta' dik il-miżura. F'sitwazzjoni bħal din, it-tqassim tal-kompetenzi għandu jiġi eżaminat bħala ġustifikazzjoni, iżda mhux bħala element għad-definizzjoni ta' delimitazzjoni territorjali tal-kuntest ta' referenza.

84. Hawnhekk, minħabba li l-miżura li, skont il-qorti nazzjonali, tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, hija li l-Istat Spanjol ma jintaxxax idroelettriku prodott mod ieħor milli bl-użu ta' ilma ta' baċir inter-komunitarju, id-delimitazzjoni territorjali tal-kuntest ta' referenza huwa kkostitwit mit-territorju kollu tar-Renju ta' Spanja.

85. Għalhekk isegwi li l-kuntest ta' referenza huwa magħmul, minn aspett materjali, mir-regoli kollha relatati ma' tassazzjoni tal-elettriku u li, minn aspett territorjali, dan il-kuntest jirrigwarda t-territorju Spanjol kollu.

*b) Eżami tal-eżistenza ta' deroga selettiva fid-dawl tal-għan tal-kuntest ta' referenza*

86. L-element li jmiss tat-test huwa eżami dwar jekk, fid-dawl tal-għan segwit mill-kuntest ta' referenza, għandhiex issir taxxa li tkun tali li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti" minflok impriżi oħra attivi fl-istess suq [47]. Dan it-test mhux dejjem huwa l-eħfef biex ikun applikat minħabba li l-maġġoranza kbira ħafna tat-taxxi ma għandhomx għanijiet oħra ħlief li jimlew mill-ġdid il-baġit tal-Istat.

87. Huwa ċar minn rivista tal-ġurisprudenza reċenti li, huwa biss, madankollu, meta l-kuntest ta' referenza jkun qed isegwi għan speċifiku li l-Qorti tal-Ġustizzja tuża lil dan tal-aħħar biex tiddetermina l-eżistenza ta' eżenzjoni selettiva jew trattament fiskali differenzjali ieħor simili jew deroga mil-liġi ġenerali tat-taxxa [48]. Fejn miżuri ta' tassazzjoni ma jsegwu ebda għan għajr li jiffinanzjaw il-baġit tal-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm xi drabi tuża l-kelma "għan", tiddetermina dak il-qafas b'referiment għas-suġġett tiegħu [49].

88. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li t-tieni stadju tat-test jikkonsisti biss f'li wieħed jiddeduċi l-eżistenza ta' eżenzjoni selettiva jew ta' deroga għall-fatt li l-miżura fiskali inkwistjoni tkopri biss parti mill-prodotti jew mis-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema fiskali ta' referenza.

46 Sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-236/16 u C-237/16, EU:C:2018:291, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata)

47 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 57).

48 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-236/16 u C-237/16, EU:C:2018:291, punt 40).

49 Ara, pereżempju, sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, A-Brauerei (C-374/17, EU:C:2018:1024, punt 39). F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-għan tal-qafas ta' riferiment kien "sabiex tiġi intaxxata kull bidla tas-sid tad-drittijiet (*Rechtsträgerwechsel*) marbuta ma' proprjetà jew, fi kliem ieħor, biex jiġi intaxxat kull trasferiment tad-dritt tal-proprjetà fi proprjetà immobbli minn persuna fiżika jew ġuridika waħda favur persuna fiżika jew ġuridika oħra fis-sens tad-dritt ċivili filwaqt li dak l-element kien fil-fatt jikkostitwixxi l-mezz li bih kellu jintlaħaq l-għan segwit minn dawk ir-regoli, jiġfieri li jiżdiedu r-riżorsi tal-Istat Ġermaniż.

89. Fil-kawża prinċipali, jidher b'mod ċar li, fid-dawl tat-taxxi applikabbli għall-produzzjoni tal-elettriku, il-leġiżlazzjoni nazzjonali toħloq distinzjoni bejn elettriku prodott b'enerġija idroelettrika bl-użu ta' baċir inter-komunitarju u elettriku prodott b'mezzi oħra jew bl-użu ta' baċir intra-komunitarju.

90. Inċidentalment, madankollu, il-qorti tar-rinviju ma tat ebda informazzjoni dwar it-taxxi li jirregolaw il-produzzjoni ta' elettriku skont dawk il-mezzi l-oħra jew bl-użu ta' baċir intra-komunitarju, b'mod partikolari, dawk applikati fi Spanja mill-komunitajiet awtonomi reġjonali, fejn, kif spjegajt qabel, biex ikun evalwat jekk eżenzjoni fiskali partikolari tkunx selettiva, tkun meħtieġa perspettiva olistika tar-regoli applikabbli tat-tassazzjoni b'mod ġenerali. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Il-Portugall vs Il-Kummissjoni [50], li "ir-rata ta' tassazzjoni 'normali' hija r-rata fis-seħħ fiż-żona ġeografika li tikkostitwixxi l-kuntest ta' referenza." Fil-kawża A-Brauerei l-Qorti tal-Ġustizzja bl-istess mod qalet li "[…] għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' miżura fiskali nazzjonali bħala 'selettiva', [jeħtieġ li l-Kummissjoni] turi […] li l-miżura fiskali inkwistjoni tidderoga mill-imsemmija sistema komuni […]" [51].

91. F'dawn iċ-ċirkustanzi u fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni kritika li tippermetti li tkun adottata evalwazzjoni olistika, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement mhijiex f'pożizzjoni li tevalwa *hija stess* jekk produttur li juża tekniki oħra jew ilma minn baċir intra-komunitarju jkollux vantaġġ fuq dak li juża ilma minn baċir inter-komunitarju. Għalkemm jidher impliċitu fid-digriet tar-rinviju li produtturi reġjonali f'baċir intra-komunitarju ma għandhomx fil-fatt vantaġġ fiskali sinjifikattiv fuq produtturi f'baċir inter-komunitarju, din fl-aħħar mill-aħħar hija kwistjoni għall-qorti nazzjonali li tevalwa u tivverifika.

92. Barra minn hekk, m'iniex għalkollox konvint li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat jista' japplika f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Tabilħaqq, f'dik is-sitwazzjoni l-produtturi kollha tal-elettriku jkollhom l-allegat vantaġġ ħlief dawk suġġetti għal taxxi, li jfisser li l-allegat vantaġġ huwa magħmul mill-kuntest ta' referenza nnifsu. Fi kliem ieħor, dak li huwa selettiv f'ċirkustanza bħal din ma huwiex il-vantaġġ, iżda pjuttost l-iżvantaġġ [52].

93. Jekk, madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat seta' japplika għal tali sitwazzjoni, għandha tqis li, kif jidher mill-ewwel dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi Nru 15/2012, it-taxxa fuq l-użu ta' ilmijiet interni kienet, għall-ewwel, maħsuba li tkun tapplika għall-baċiri kollha, kemm inter-komunitarji kif ukoll intra-komunitarji. Jidher li kien biss bl-adozzjoni tal-Artikolu 1 tad-Digriet Nru 198/2015 li l-applikazzjoni ta' dik it-taxxa kien limitat għal baċiri inter-komunitarji.

94. Jekk dan huwa korrett, l-Artikolu 1 jista' jitqies bħala miżura li tagħti deroga mill-kuntest ta' referenza kkostitwit bil-Liġi Nru 15/2012 li tintroduċi, fl-Artikolu 112bis tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/2001, taxxa fuq l-użu ta' ilmijiet interni u li deroga bħal din għandha titqies bħala selettiva skont is-sentenza fil-kawża A-Brauerei dwar dan minħabba li l-applikazzjoni tagħha tkun suġġetta għal kundizzjonijiet ta' applikazzjoni. Għaldaqstant jeħtieġ li jkunu eżaminati l-ġustifikazzjonijiet potenzjali li jistgħu jkunu adottati fir-rigward ta' din il-miżura ta' tassazzjoni.

50 Sentenza tas-6 ta' Settembru 2006 (C-88/03, EU:C:2006:511, punt 56).

51 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, A-Brauerei (C-374/17, EU:C:2018:1024, punt 36).

52 Tabilħaqq, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv għandha tiġi evalwata b'rabta mal-kuntest ta' referenza. Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-88/03, EU:C:2006:511, punt 56) li "[i]r-rata ta' tassazzjoni normali hija r-rata fis-seħħ fiż-żona ġeografika li tikkostitwixxi l-kuntest ta' referenza." Fis-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, fil-Kawża A-Brauerei (C-374/17, EU:C:2018:1024, punt 36), il-Qorti tal-Ġustizzja tgħid li "[…] għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' miżura fiskali nazzjonali bħala 'selettiva', [jeħtieġ li l-Kummissjoni] turi […] li l-miżura fiskali inkwistjoni tidderoga mill-imsemmija sistema komuni […]"

95. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" ma jkoprix miżuri li jiddistingwu bejn impriżi li, fir-rigward tal-għan segwit mis-sistema legali inkwistjoni, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli u, għaldaqstant, ikunu *a priori* selettivi, fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' juri li dik id-differenza tkun ġustifikata minħabba li toħroġ min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema li l-miżuri jkunu jagħmlu parti minnha [53].

96. Dwar dan, u wkoll skont il-ġurisprudenza, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, l-għanijiet attribwiti għal skema fiskali partikolari ta' taxxa u li jkunu esterni għaliha u, min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmi interni tas-sistema fiskali nnifisha meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. Essenzjalment, għalhekk, l-għan biss intern tas-sistema fiskali nnifisha jista' jiġġustifika miżura fiskali selettiva [54].

97. F'dan il-każ, il-partijiet, madankollu, ma ġabux provi biex jistabbilixxu li n-natura jew l-istruttura ġenerali tar-regoli dwar it-tassazzjoni tal-elettriku bħala tali jeħtieġu li baċiri intra u inter-komunitarji jkunu ttrattati b'mod differenti

*3. Possibbiltà ta' ġustifikazzjonijiet għall-adozzjoni ta' għajnuna mill-Istat*

98. Għandu jiġi enfasizzat li l-ġurisprudenza msemmija qabel tirrigwarda l-ġustifikazzjoni għan-natura selettiva ta' miżura fiskali. In-nuqqas ta' ġustifikazzjoni f'dan ir-rigward tkun, għalhekk, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-Istati Membri, ladarba jkun ġie stabbilit li jkunu tħarsu l-erba' kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 107(2) u (3) TFUE biex miżura tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, li jiġġustifikaw l-adozzjoni tagħha. Tabilħaqq huwa ċar mill-kliem stess tal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 107 TFUE li ċerta għajnuna adottata mill-Istati Membri tkun tista', b'ċerti kundizzjonijiet, tiġi ġġustifikata.

99. Fost il-ġustifikazzjonijiet diġà aċċettati mill-Qorti tal-Ġustizzja hemm il-protezzjoni tal-ambjent [55]. Huwa minnu li tali għan ma jistax jiġġustifika d-differenza fit-trattament ta' produtturi ta' enerġija idroelettrika skont jekk dawn ikollhomx konċessjoni f'baċiri intra-komunitarji jew inter-komunitarji.

100. Madankollu, differenza bħal din tista', iżda, tkun ġustifikata bit-tqassim tal-kompetenzi prevalenti fi Spanja bejn l-Istat u l-komunitajiet awtonomi ta' dak l-Istat Membru [56]. Tabilħaqq, dak it-tqassim ta' kompetenzi jibbenefika mill-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 4(2) TUE, li skontu l-Unjoni għandha tħares l-identitajiet nazzjonali inerenti fl-istrutturi fundamentali tagħhom, politiċi u kostituzzjonali, inkluż gvern awtonomu lokali u reġjonali [57]

101. Huwa minnu, ċertament, li l-istruttura kostituzzjonali interna ta' Stat Membru ma tistax ġeneralment tintalab għal għajnuna biex ikun iġġustifikat dak li xort'oħra jkun ifisser ksur tad-dritt tal-Unjoni. Iżda, kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Il-Portugall vs Il-Kummissjoni [58] "ma jistax jiġi konkluż" mill-fatt li ċerti vantaġġi fiskali jkunu limitati għal parti mit-territorju ta' Stat Membru li tali miżura "hija selettiva, fis-sens ta' l-Artikolu [107(1) TFEU] għar-raġuni waħdanija li hija tapplika biss f'żona ġeografika limitata ta' Stat Membru."

53 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, A-Brauerei (C-374/17, EU:C:2018:1024, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-236/16 u C-237/16, EU:C:2018:291, punt 31).

55 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-236/16 u C-237/16, EU:C:2018:291, punti 49 u 50).

56 Ara dwar dan is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-88/03, EU:C:2006:511, punt 60) u tal-11 ta' Settembru 2008, UGT-Rioja *et* (C-428/06 sa C-434/06, EU:C:2008:488, punt 141).

57 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Remondis (C-51/15, EU:C:2016:985, punt 40).

58 Sentenza tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-88/03, EU:C:2006:511, punt 60)

102. Filwaqt li dan ir-raġunament jista' jinftiehem li tassazzjoni reġjonali u għajnuna mill-Istat jirrappreżentaw każ speċjali — kważi *sui generis* fil-*corpus* kollu tad-dritt tal-Unjoni — tajjeb li jkun osservat li kieku l-liġi kienet mod ieħor kien ikun ifisser li l-Istati Membri ma kinux ikunu jistgħu jagħtu iktar kompetenza fiskali esklużiva lil entitajiet reġjonali u lil gvernijiet lokali. Ikun ifisser ukoll li kull miżura fiskali li tkun tkopri biss parti mit-territorju, minħabba l-istruttura interna ta' Stat Membru, tkun *ipso facto* tikkostitwixxi forma ta' għajnuna mill-Istat favur persuni u entitajiet residenti f'dak ir-reġjun meta mqabbla ma' persuni u entitajiet residenti xi mkien ieħor fl-Istat Membru inkwistjoni.

103. Għaldaqstant, jekk il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-kostituzzjoni nazzjonali ma tagħtix is-setgħa lill-Istat jadotta miżuri ta' tassazzjoni jew li jitlob li jsir ħlas ta' taxxa biex produtturi joperaw f'baċir intra-komunitarju (kompetenza la esklużiva, la sussidjarja u lanqas komplementarja), din iċ-ċirkustanza tista' tiġġustifika l-fatt li produtturi tal-elettriku li jkollhom konċessjoni f'baċir intra-komunitarja ma jkunux suġġetti għall-imsemmija taxxa u, għalhekk, li l-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali Nru 198/2005 ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

104. Għall-kuntrarju, u jekk ma jkunx stabbilit li jkun hemm ġustifikazzjoni oħra skont l-Artikolu 107(2) u (3) TFUE, l-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali Nru 198/2015 għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat minħabba li dan tal-aħħar jeżenta lil produtturi tal-elettriku li jkollhom konċessjoni f'baċir intra-komunitarja milli jħallsu taxxi għall-użu ta' ilmijiet interni.

105. Għaldaqstant, nipproponi li tingħata riposta għat-tielet domanda li l-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li l-fatt li ma hijiex applikabbli t-taxxa għall-użu ta' ilmijiet interni għal impriżi li jkollhom konċessjoni f'baċiri intra-komunitarji biex jipproduċu eneġija elettrika jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ipprojbita sakemm ma jkunx jidher li l-Istat Membru konċernat la kellu kompetenza f'materji ta' taxxa u lanqas kompetenza biex jiddeċiedi dwar il-livell ta' drittijiet pagabbli bħala ħlas għall-għoti ta' konċessjoni f'tali baċiri intra-komunitarji.

## Konklużjoni

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tirrispondi għad-domandi magħmula mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) kif ġej:

1) La l-Artikolu 191(2) TFUE u lanqas l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ma għandhom effett dirett u, għalhekk, ma jistgħux jiġu invokati quddiem qorti nazzjonali minn individwu biex jikkontesta taxxa partikolari fuq l-użu ta' ilmijiet interni biex jipproduċi enerġija.

2) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda [tħassar i]d-Direttiva 2003/54/KE għandu jiġi interpretat bħala li ma huwiex applikabbli għal taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tolqot impriżi li jkollhom konċessjoni għall-użu ta' baċir inter-komunitarju biex jipproduċu l-elettriku, iżda ma tolqotx operaturi li jkollhom konċessjoni f'baċiri intra-komunitarji biex jipproduċu l-elettriku, u lanqas ma tolqot produtturi tal-elettriku li jużaw teknoloġiji oħra.

   Sussidjarjament, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72 għandu jiġi interpretat bħala li ma jipprekludix, bħala prinċipju, leġislazzjoni nazzjonali, bħall-miżuri ta' tassazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm dik il-leġiżlazzjoni tkun relatata mat-tisħiħ tal-protezzjoni ta' ilmijiet pubbliċi billi tikseb benefiċċji mingħand dawk li jiksbu benefiċċju mill-użu privat jew mill-użu speċjali tagħhom, u biex l-ispejjeż ta' servizzi relatati mal-immaniġġar tal-ilma, inklużi spejjeż ambjentali u ta' riżorsi, jgħaddu għal għand dawk li, b'mod differenti, jagħmlu użu mis-servizzi

l-aħħar, jekk il-kostituzzjoni nazzjonali għandha tkun interpretata bħala li tfisser li dan l-Istat Membru ma kienx intitolat jestendi l-iskop tal-applikazzjoni ta' din il-miżura lil baċir intra-komunitarju. Ikun għall-qorti tar-rinviju li tevalwa jekk l-għan tal-liġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkunx ġenwinament relatat ma' dawk l-għanijiet.

3) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li l-fatt li ma hijiex applikabbli t-taxxa għall-użu ta' ilmijiet interni għal impriżi li jkollhom konċessjoni f'baċiri intra-komunitarji biex jipproduċi enerġija elettrika jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ipprojbita sakemm ma jkunx jidher li l-Istat Membru kkonċernat la għandu kompetenza f'materji ta' taxxa u lanqas kompetenza li jiddeċiedi dwar il-livell tad-drittijiet pagabbli bħala korrispettiv għall-għoti ta' konċessjoni fuq tali baċiri intra-komunitarji.